Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2523

Kaz Numru 3343/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Assiba Hetchat

U

Air x Charter Limited

Dwar allegazzjoni ta' tkeccija ingusta

Illum 9 ta' April 2018

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghut lit-Tribunal Industrijali datata 28 ta' Jannar 2015 mill-Avukat Dr. Jonathan Thompson li bghat dan ir-rikors ghan-nom ta' Assiba Hetchat fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

Assiba Hetchet maghrufa bhala l-appellanta kienet assistita mill-Avukat Dr. Jonathan Thompson u ghall-Kumpanija Air X Charter Limited deher Franklin Brincat assistit minn Dr. Andrew Borg Cardona.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellanta ddikjarat li kien hem twissija mill-Gvern Franciz sabiex ma jsirx titjier fuq Iraq minhabba l-periklu li

jezisti. Illi minkejja dan il-principal xorta gghala taghmel il-flight u l-esponenti irrifjutat u ma marritx bi-konsegwenza li giet imkeccija. Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li s-socjeta appellata kellha dritt li tinsisti li l-flight isir ghax ma kien hemm dak ir-riskju allegat u ghalhekk it-tkecccija kienet gustifikata.

**PROVI**

Xehed Houssam Hazzoury li huwa il-CEO tal-kumpanija intimata fejn qal li dik il-gurnata taru hafna ajruplani u bhala fatt dan l-ajruplan kien qieghed itir high level u velocita qawwija. Ukoll l-EASA li hija Agensija Ewropea tas-safety ma kellhiex ebda oggezzjoni li jsir dan il-flight. Ukoll l-esponeneti hija flight crew u l-kaptan ried itir.

Xehed Rodolph Le Fournis permezz ta' Skype li huwa l-kaptan li tar fuq l-ajruplan fejn qal li jekk il-flight ma kienx safe hu stess ma kienx itir.

Gew ezebiti diversi dokumenti fosthom EASA Safety Information Bulletin u sar kontro ezami lill-Houssam Hazzoury.

Xehedet Assiba Metchat fejn qalet li ma kelliex problemi mal-principal taghha. Giet infurmata bil-flight tlett ijiem qabel ma kelha ittir. Hi ghamlet inquiry mal-Ambaxxata Franciza ossia d-Dipartiment tal-Affarijiet Barranin gewwa Franza u tawha l-parir sabiex ma ttirx fuq l-ajruplan lejn Iraq. Hi infurmat lill-Patrica impjegata tad-ditta intimata bil-hsibijiet taghha li kienu tal-inkwiet biex ittir. Wara kellmet ma Houssam fejn infurmatu li kienet qieghda tibza taghmel dan il-flight. Minkejja dan xorta giet ordnata sabiex tattendi ghal dan il-flight. Wara giet infurmata illi giet imkeccija minhabba li ma attenditx ghax-xoghol. Qalet li bghatet e mail fejn infurmat lill-principal li ma ridietx taddenti ghax-xoghol ghax ma hassitix safe. Fil-kontro-eazmi iddikjarat illi l-Kaptan kien franciz.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li jrid jidhol fl-ezercizzju jekk verament dan i-flight kellux riskju serju ghall-hajjet il-crew. Fl-ewwel lok it-Tribunal jinnota illi ma kienx hemm

xi twissija internazzjonali sabiex ma jsirux titjirijiet fuq l-Iraq minkejja li kien hemm twissija mill-Gvern Franciz. Ukoll il-EASA ma hargisx xi safety bulletin sabiex ma jrisux titjirijiet fuq l-ispazju tal-Iraq. Tenut kont ukoll illi ma kienx ser isir inzul gewwa l-Iraq inaqqas ir-riskju sew. Ukoll jirrizulta illi l-flight path kien wiehed internazzjonali u l0ajruplan kien qieghed itir altitudini gholi hafna u bi speed qawwi. Dawn l-elementi inaqssu sew ir-riskju. Ghalkemm wiehed jista# jghid illi l-esponenti ma kinetx taf b'dawn il-kunsiderazzjnijet zgur li l-Kaptan kien ghamel dawn il-valutazzjonijet qabel ma tar.

It-Tribunal jikkonkludi li ghalhekk tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi jikkonkludi l l-azzjoni tal-appellanta kient ezagerata u ma kienetx gustifikata li ma tmurx ghax-xoghol. Tenut kont illi minghajr il-flight attendant dan il-flight ma kienx isir u ghalhekk il-kumanija setghet titlef dan il-flight liema flight sar u ma kienx hemm ebda konsegwenza it-Tribunal jikkonkludi illi l-kumpanija kienet gustifikata li tkecci lill-appellanta mix-xoghol.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li Assiba Metchat ma rnexxilhiex tipprova li kienet sofriet tkeccia ingusta.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju